

# LEĦEN IL-GIRGENTI

Nru. 138 April 2024

# “QEGĦDIN JAĦQRU ĦAFNA NIES INNOĊENTI...”

**Ilkoll nafu kemm id-dinja għaddejja minn żminijiet diffiċli: gwerer, attakki terroristiċi, ħafna qtil ta’ nies innoċenti, ħafna tbatija... X’kienet tgħidilna Ġuża Mifsud dwar dan?**

Fil-laqgħa ta’ Marzu 1988, Ġuża tgħid li l-Madonna qaltilha, “Binti, dawna l-ftit irġiel mingħajr għaqal li jagħmluha ta’ Presidenti kbar... li ma jridux inaqqsu (l-armament) ħalli jkun hawn il-paċi, u l-paċi ma tasal qatt. ...qegħdin jaħqru msieken ħafna nies innoċenti, ħafna nies mingħajr ħtija, ħafna nies illi ma kienu jaħtu xejn u jaqgħu vittma tal-mewt u jidhru quddiem Alla. Għalhekk għandkom ħafna titolbu għalihom dawn l-erwieħ speċjalment li qegħdin jagħmlu daw il-gwerer civili ta’ bejniethom, ma jistgħux jaħasra jsibu tarf... Ħalaq tant dinja sabiħa l-Mulej u qegħdin iħarbtuha u jaħarquha…”



Ġuża tgħid, “Il-Madonna la trid mibegħda, la trid gwerer u lanqas ċarċir ta’ demm. Hija qaltli, ‘Lili qegħdin iċċekknuli ħafna qalbi b’dawk l-erwieħ innoċenti li telgħin quddiem il-Mulej wara li jingħataw mewt hekk kiefra. Il-ġustizzja t’Alla ma’ dawn in-nies li qegħdin joqtlu u jkasbru lil ħuthom ser tkun tqila għax il-Mulej ħalaq ġenna ta’ l-art u huma qegħdin ifarrkuha.’ Mill-gwerra u mit-tifrik ħadd ma jieħu xejn Iżda kulħadd huwa tellief.” Nitolbu ħalli l-Mulej irattab il-qlub u lkoll naħdmu għall-vera paċi, il-paċi dejjiema.

> *“Ħalaq tant dinja sabiħa l-Mulej u qegħdin iħarbtuha u jaħarquha…”*

MAĦRUĠ MILL-MOVIMENT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI



# 5 TA' MEJJU 2024

Laqgħa ta' talb fil-Girgenti fl-okkażżjoni tat-38 sena mit-tqegħid tal-istatwa.

Jinstema leħen Ġuża Mifsud
Diskors Fr. Dunstan Xuereb

Fis-6.00pm

# KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QLUB IMQADDSA TA' ĠESU U TA' MARIJA




**Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwin għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom.**

**Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja waqt il-laqgħa tal-5 ta' Mejju 2024 huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom.**



**Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.**

**Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...**

# AVVIŻI

**LAQGĦAT TA' TALB FIL-GIRGENTI**

- Il-Ħadd 7 u 21 ta' April 2024 fil-5.30pm
- Il-Ħadd 5 u 19 ta' Mejju 2024 fis-6.00pm
- Il-Ħadd 2 u 16 ta' Ġunju 2024 fis-6.30pm
- Il-Ħadd 7 u 21 ta' Lulju 2024 fis-6.30pm

**MEZZ TA' KUNTATT:**

- Email: ourladyofconsecration@gmail.com
- Facebook messenger: Madonna tal-Konsagrazzjoni
- Indirizz Postali: 16, Triq San Gakbu, Siggiewi

**AGĦMLU KUNTATT MAGĦNA JEKK:**

- Taqilgħu grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni/Girgenti jew bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud;
- Jekk tridu formula sabiex issiru membri tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni;
- Kull meta taħsbu li l-Kumitat jista' jkun ta' għajnuna.

**AKTAR TAGĦRIF DWAR ĠUŻA MIFSUD U L-GIRGENTI JISTA' JINKISEB MINN:**

- www.ourladyofconsecration.org
- Facebook - Madonna tal Konsagrazzjoni
- Youtube - Guza Mifsud
- Kotba, santi u oġġetti devozzjonali
- Kopji antiki ta' dan il-fuljett (ikkonsultaw il-website)

## DIKJARAZZJONI

Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorita tal-Knisja